

Dan id-drone huwa inġenju tal-  
ajru. Japplikaw il-liġijiet tal-  
avjazzjoni.

## **Bħala bdot tad-drone, għandek responsabbiltà li ttajjar id-drone tiegħek b'mod sikur.**


### Qabel it-titjir

- ✓ kun ċert li sid id-drone huwa reġistrat mal-awtorità nazzjonali ta' pajjiżu (sakemm mhux diġà reġistrat)
- ✓ kuncertlin-numruta'registrazzjonitiegħekjinsabfuqid- drone
- ✓ aqra l-istruzzjonijiet tal-manifattur
- ✓ temmit-taħriġobbigatorjuonlineugħaddimit-test



Informa ruġiek dwar kif tirreġistra  
u titħarreġ, u dwar fejn tista' ttajjar  
id-drone:

[www.easa.europa.eu/drones/NAA](http://www.easa.europa.eu/drones/NAA)



## LI GĦANDEK TAGĦMEL



Kun ċert li inti assigurat b'mod xieraq



Kun af liema żoni ma jippermettux titjir (no-fly zones) u jekk hemmx limitazzjonijiet fiż-żona fejn tixtieq ittajjar id-drone



Żomm għajnejk fuq id-drone il-ħin kollu



Żomm distanza sikura bejn id-drone u n-nies, l-annimali jew inġenji tal-ajru oħrajn u distanza ta' mill-inqas 150 metru miż-żoni residenzjali, kummerċjali, industrijali u rikreattivi



Għandek tgħarraf lill-awtorità nazzjonali tal-avjazzjoni ta' pajjiżek jekk id-drone tiegħek jiġi involut f'aċċident li jirriżulta f'korrimment serju jew fatali li jinvolvi persuna, jew li jaffettwa inġenju tal-ajru b'ekwipaġġ



Ħaddem id-drone tiegħek fil-limiti definiti fl-istruzzjonijiet tal-manifattur

## LI M'GĦANDEKX TAGĦMEL



Ittajjarx id-drone f'għoli aktar minn 120 metru mill-art



Ittajjarx id-drone biswit inġenji tal-ajru u viċin ajruporti, helipads jew f'postijiet fejn ikun qed iseħħ rispons ta' emerġenza



Irrispetta l-privatezza ta' persuni oħra. Ittajjarx id-drone f'għoli inqas minn 20 metru fuq il-proprjetà ta' persuni oħra mingħajr il-permess tagħhom



Tagħmilx reġistrazzjonijiet mhux intenzjonati, u tippubblikax ritratti, filmati jew reġistrazzjonijiet awdjo ta' persuni mingħajr il-permess tagħhom



Tużax id-drone biex iġġorr oġġetti perikolużi jew biex twassal xi materjal



Tagħmilx modifiki fuq id-drone tiegħek. Mhux permess jintuża software li mhux rakkomandat mill-manifattur